

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Juan Carlos Sánchez Morcillo, María del Carmen Abril García

Konvenuta: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA

**Dispożittiv**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqri flimkien mal-Artikoli 7 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema il-konsumatur, bħala debitur suġġett għall-eżekuzzjoni f'proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteke, jista' jippreżenta appell mid-deċiżjoni li tiċħad l-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni biss meta l-qorti tal-ewwel istanza ma tkunx laqgħet ir-raġuni ta' oppożizzjoni bbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tikkostitwixxi l-bażi tat-titolu eżekuttiv, anki jekk il-bejjiegħ jew fornitur jista', min-naħa l-oħra, jappella kull deċiżjoni li tordna li ttejjm il-proċedura, indipendentement mir-raġuni ta' oppożizzjoni li tibbaża ruħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 26, 26.01.2015.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Ġunju 2015 – Mirelta Ingatlanhasznosító kft vs Il-Kummissjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew**

(Kawża C-576/14 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Rikors għal annullament — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Inammissibilità u nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Appell parzjalment manifestament infondat u parzjalment manifestament inammissibbli)

(2015/C 320/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Appellanti: Mirelta Ingatlanhasznosító kft (rappreżentant: K. Pap, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Mirelta Ingatlanhasznosító kft tbat i-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 73, 02.03.2015.